# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. | IL ĦAMIS, 8 TA AŬISSU, 1912. | Nru. 26.


*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Cungress Eûcaristicu.

Billi is-sena li gejja sejjer icollna fil Gżira ta Malta il Cungress fuk l'Eûcaristija, ûisk jixrak li chiecu nitchellmu xi ftit fuk il Cungressi l'oħra ta l'Eûcaristija li saru kabel f'Pajjiżi oħra, ħalli hecc b'din il maniera mill'imgiba tal'oħrajn aħna ucoll nitgħallmu chif għandna ingibu ruħna.

Jecc aħna natu dakka ta għajn lejn li storja tal Cnisja minn ħamsin sena il-haûn ma nistgħux ma nibkgħux mistagħġba mil forza tant kaûûija illi kiegħda tressak l'erûieħ lejn it-Tabernacolu 'mkaddes. Ix-xemx tal Eûcaristija ħarbet bil ftit il ftit in-nida tant chiesaħ tas-setta tal Gianseniżmu; appena bdeû iħossu ir-raggi kaûûija ta dina ix-xemx divina, l'erûieħ li kabel chienu tant indifferenti u bierda, bdeû iħossu titbiegħed minnhom il csuħa li chienet kiegħda tûebbishom għall'opri it-tajjba, u bdeû jinfetħu cull jum għad-devozzjoni lejn Gesù Sagramentat, appuntu bħalma il fjuri jinfetħu għaż-żiffa ħelûa tar-rebbiegħa.

L'artali dejjem imdaûûrra mill'eruieħ devoti, it-tkarbin imkaddes cull-imchien iffreqûentat, u mil pajjiżi collha, bħaż-żmenijet antichi tal fidi, eluf u eluf ta insara imorru f'pellegrinaġġi geûûa Santûarji imsemmija biex jinxteħtu għar-rcopptejhom kuddiem il mejda tat-tkarbin.

Mhux biż-żejjed: sabiex tiġbor iżjed il fidi u id-devozzjoni lejn Gesù Sagramentat, il Cnisja 'mkaddsa bdiet tagħmel anche daûna il Cungressi Eûcaristici. Illum il ġurnata ma tismax fil ħluk ta cullħadd għâjr dina il chelma ta cungress. Cungress hu chelma li tfisser migemgħa ta persuni, sabiex jitħadtu fuk xi ħaġa, u fuk qûalunque ħaġa kiegħdin isiru daûna il cungressi—kiegħdin isiru cungressi fuk ix-xienza, chemm il darba infatti aħna nakraû illi it-tobba tad-dinja collha jinġabru geûûa xi belt principali, biex jitchellmu fuk ix-xienza taħħom. Cungressi isiru għall carità tal proxxmu, chemm il darba nisimgħu illi ûara li issir xi disgrazzja cbira jintakgħu l'actar persuni li jistgħu, u cullħadd jati xi ħaġa biex tigi imkassma fost daûc id-disgrazzjati: saħansitra anche il ħażen ucoll għandu il Cungress tiegħu. Daûn il ġranet stess Reggju, Bolonja u Paliermu (bliet taljani) saru il Cungressi tas-Socjalisti. U l'eûûel darba, forsi, li krajna, illi li stess eretici, li stess mażuni jinġabru bejniethom ħalli jiftiehmu chif għandhom ixerrdu il ħażen? U jecc katt qûalunque ħaġa illum il ġurnata għandha il Cungress taħħa, għaliex il Cnisja Mkaddsa ma għandhiex icollha ucoll il cungress taħħa? Il għaliex is-Sagrament tal Eûcaristija, it-tesor l'actar cbir, l'opera l'actar sabiħa, il ħajja tar ruħ tagħna, l'Eûcaristija, iċ-centru tal Cnisja Cattolica, ma għandhiex icollha il cungressi taħħa? Iva: anche l'Eûcaristija icollha il cungressi, il gemgħat taħħa, u icollha cungressi ictar sbieħ, ictar solenni, ictar glorjusi. Daûna il cungressi ilhom isiru fil Cnisja Mkaddsa fuk it-30 sena, il għaliex l'eûûel ûieħed li sar chien geûûa Lilla fis-sena 1881. Minn dic is-sena baka isir qûasi cull sena fl'actar bliet principali tad-dinja—f'Avignone, fi Liegi, f'Tolosa, Anversa, Gerusalemm, Bruxelles, Lourdes, Metz, Londra, Colonja, Montreal, Madrid, u bliet oħra bħal daûna. Din is-sena, fix-xahar ta Settembru li gejj, sejjer isir il Cungress fi Vienna, u sen'oħra għall ħabta tax-xhar ta Ġunju, jecc Alla irid, isir fil gżira tagħna, f'Malta. Jena naf illi Malta hia bosta żgħira għal daûna il cungressi, naf li Malta ma għandhiex x'taksam fil gid, ħdejn daûna li bliet cbar li fihom sar il Cungress Eûcaristicu; b'mod tali illi x'uħud scantaû chif giet magħżula dina il gżira biex fiha isir is-sena li gejja il Cungress tal Eûcaristija, imma jena nispera li billi haûn Malta tinsab fidi kaûûija f'Gesù Sagramentat, chif ucoll zelu u devozzjoni tant cbira, nispera illi il Cungress tal Eûcaristija, haûn Malta, is-sena li gejja, ma icunx inkas minn ta li bliet l'oħra. Ġà bdeû il preparativi, ġà saru il cumitati u is-sutta-cumitati, ġà saru diversi lakgħat, ġà beda il ġbir ma cullimchien. Għaldakshecc ngħinu ruħna mill'aħjar, cullħadd scond ma jista, jeû bil chelma inchella bil chitba, jeû billi tati inchella billi taħdem, jeû bl'opra taz-zelu inchella bit-alb tagħcom—oħ, tasal dic il ġurnata li Malta collha, kalb ûaħda, vuci ûaħda, kuddiem in-nies tad-dinja collha, tistkarr il fidi taħħa u tcun tista tgħid: *Viva Gesù Sagramentat!*

Dun Anton Vella, dd.

*(Jissocta)*

Dan hu l'articlu li chellna lest taħt il mâgna il gimgħa li għaddiet u fl'aħħar mument sibna-ruħna fil bżonn li 'nħalluħ barra.

## Il Isien malti.

*Il Hakk*—kal Cristu, li ma satax jiżbalja—*m'hux ħaġa ta din id-dinja*! U hecc hu!

Darba, mita conna għadna żgħażaħ, ctibna fil *Currier Mercantil* (gażetta ta dac iż-żmien) nitfa ta articlu fuk tenur li chien imsemmi ħafna: u tchellimna minn chif conna inħossuha, mingħajr partiti. Imma tafu xi ġralna? L'għada, fil għaxija, żeûġ gażetti oħra, il *Fenice* u il *Portafolju,* li chienu joħorġu f'li stess ħin, taûna xebgħa cull-ûieħed: iżda il *Portafolju,* li chien iżomm mal Impressarju, tâna ix-xebgħa għax kal li conna makdarnielu dac it-tenur iż-żejjed; u il *Fenice,* li chienet contra tiegħu, tat-hielna għax dherilha li conna faħħarnieħ actar milli chien imissu! Fi ftit cliem, sibnaruħna f'dic il ħrafa kadima ta *Sid il ħmar u ibnu,* li katt ma setgħu jogħġbu lil ħadd bl'imgiba taħħom, għalavolja kallbu u għamlu chemm felħu biex jimxu għal għajnejn in-nies!

U hecc raġa ġralna issa, b'dac li għedna fl'articlu ta tliet gimgħat ilu fuk il *Isien Malti.* L'Imsieħbin u il Karrejja tal *Habib* għoġobhom ħafna: bosta nies ta rashom tajjba, Kassisin u Seculari tal professjoni, bagħtu jifirħulna għaliħ: anzi, mita dehret il biċċa il cbira tiegħu makluba bit-taljan fil *Malta,* saħansitra taljani (u fosthom Pa-

tri Geżŭita miżmum b'gharef cbir) taŭna il *prosit* fuku. Imma...... imma il *Malta*, li, bħalma tafu, tinsab immexxija minn dac lï stess Dr. G. Mizzi, li chiteb actar minn darba fil *Ħabib* fuk l'*Emigrazzjoni*, ma kabletx mal bkija tal proxxmu: u mhux biss lakghet bil-ferħa il żeŭġ Chittieba li ghamlu bħal clieb irrabjati ghall *Ħabib* u ghall *Malti*, imma ŭaddbet hi ucoll iż-żrara taħħa ghalina, ghad li sicŭit tinkeda bil *Ħabib* u tieħu minnu .. JUSTITIA NON EST DE HOC MUNDO—*il Ħakk m'hux ħaġa ta din id-dinja*!

M'hemmx bżonn nghidulcom li daŭc iż-żeŭġ Chittieba ghamlu bħall *ħajjnin* collha: tafghu il gebel u ħdeŭ idejhom! Ŭieħed bil lakam ta *Vecchio Plinjo* u l'ieħor bil lakam ta *Daleth*, staħbeŭ minn'na: u ghalxejn ŭiddibnihom li jecc huma irgiel, imisshom jicxfu ŭiċċhom! Fil *Malta* stess, ŭiegibnihom bit-taljan u kbiżna chif chien dmir taghna l'eŭŭel-nett ghall *Lsien Malti*, li minnhom giè imżeblaħ, bħallichiecu m'hux il Lsien li biħ tghallmu jitolbu ll'Alla fuk dirghajn ommhom; u imbaghd ghall *Ħabib*, li, billi mictub b'dac il Lsien, minn *Daleth* giè imsejjaħ *ridiclu u idardar!*

Ħożżuha tajjeb f'moħħcom: il Lsien Malti *ridiclu* (jigifieri *idaħħac in-nies biħ*) u *idardar!*

Hecc kalu daŭn iż-żeŭġ Maltin! U kalu ucoll li *il Lingŭa tal Poplu Malti it-taljana, it-taljana* BISS: *ghax il Malti*, issoctaŭ ighidu, *m'hux ħlief dijalett gharbi!*

Anzi, *inkas minn gharbi*—li hecc chien icun xi ħaġa —*imma dijalett chif giè-giè* (DIALETTO QUALUNQUE), żied maħħom id-Direttur tal *Malta!*

U bil Malti *m' haŭnx cotba suret in-nies— m'haŭnx ħlief ftit* HREJJEF, *mil katgha tal* GHARUSA TAL MOSTA—ghaijarna dac il mascarat ta *Daleth*, bis-sensja u bil ghaxka tad-Duttur Giuseppi Mizzi! Donnu dan tal aħħar ħareġ minn rasu li, ghad m'ilux xahar, sejjaħ il ĦABIB *gażetta ta fejda cbira u immexxija tajjeb ħafna*! Donnu ghaliħ il *Ħabib* u il *Lsien Malti* m'humiex sbieħ u tajjbin ħlief mita icollu bżonnhom biex jieħodha mal Curunell Manchè fuk l'Emigrazzjoni! Le: *il Ħakk m'hux ħaġa ta din id-dinja!* Min irid ighix fil *Politica*, ighid dac li jakbillu, mhux dac li hu!

Imma is-seŭŭa ħabib Alla, nerġghu intennu aħna: u illum, biex ma 'ntaŭŭlux ŭisk, niekfu fuk *ħaġa ŭaħda* biss mil *ħafna* li bi ħsiebna ingibu il-kuddiem, ħalli nuru lill *Daleth*, u lill *Vccehio Plinjo*, u lid-Duttur Mizzi, hux il Malti *dijalett chif giè giè*. Illum infaccru ftit minn daŭc il *ħrejjef* li ghandna bil Malti.

Hux jeŭŭilla *ħrafa*—bħall *Gharusa tal Mosta*—il *Ctib il Malti* ta Michiel' Anton Vassalli, ctieb oħxon u cbir daks nofs *Missàl*, li mil ghorrief ta Ruma giè imsejjaħ *Tesor tal gherf* u li fiħ il *lingŭa maltija* tinsab imfissra bil latin u b'cull chelma taħħa imlakkgha ma dic li tŭiegeb ghaliha fil ihudi, fil gharbi, fis-samaritàn u bosta drabi fil fenicju ucoll?....Hix *ħrafa* il *Ghakda il ġdida*, xoghol kalil ta chittieb li ma riedx jissemma b'ismu, fejn huma maklubin bil *Malti* il cotba collha tal *Ligi il ġdida*, mill'*Evangelju* sal *Ittri ta San Paŭl* u l'*Apucalissi*, li huma iebsin ghall cull *lingŭa* oħra u li fil Malti geŭ kieghdin ŭisk aħjar milli huma bil latin u bit-taljan, ghax il Malti, mita jersak lejn il lhudi, li fiħ inħolku daŭc il cotba, icun riesak lejn ommu! Humiex *ħrejjef* id-DIZZJUNARI BIL MALTI tal imsemmi Vassalli, stampat Ruma, tal gharef Vella, stampat Livornu, ta Falzun, ta Gilju u ta Busuttil, stampati Malta?.. U xi nghidu, 'mbaghd, ghad-*Dizziunarju* l'ieħor ta Manŭel Carŭana, fejn cull chelma maltija mhux biss hemm imfisser mnejn hi gejja, imma tinsab imlakkgha, b'gherf cbir, b'gherf li ghaġġeb il Chittieba ta barra minn Malta, mal gebbieda taħħa fil lingŭi l'oħra tal Orient?.... Forsi, id-Dottur Mizzi (li ghajjar il MALTI *dialetto qualunque*, nghidu aħna *lingŭa tal ċċina*, chif chien ghajjru missieru bosta snin kabel ma ghoġbu jittraduci bit-taljan il *Toni Bajjada* u igibu fil *Malta* ta dac iż-żmien) ma chienx jaf li, fost il *ħrejjef* l'oħra, ghandna *sitt Dizzjunari bil Malti* u tlieta minnhom imfaħħrin mil Ghorrief ta barra!....Hux *ħrafa* ix-xoghol cbir ta Annibale Preca fuk il *Cotba 'Mkaddsa* u fuk li *Storja tal Cnisja*, li il *Vecchio Plinjo*, u *Daleth*, u id-Direttur tal *Malta*, inkas maghkudin flimchien, ma ghandhom ħila iŭakkghu chelma minnhom?... Hux *ħrafa* it-*Taghlim fuk id-dinja* tal Professur Temistocle Żammit, C.M.G.,M.D.?.. Hix ħrafa il *Ħajja ta San Paŭl*, mictuba, fis-sena 1858, mil Professur Ġann Anton Vassall?.... Hux *ħrafa* il *Muftieħ tal Malti*, mictub, ŭara snin ta studji cbar, mis-Sur Ġann Vassall, dac stess li issa kieghed ifisser fil *Ħabib*, b'rekka tal ghaġeb, *f'hiex it-taljan ma jakbilx mal Malti*?... Humiex *ħrejjef li idaħħcu iu-nies bihom u idardru* il Poeżiji tal Professur Dun Carm Psaila?... Hux *ħrafa* ix-xoghol *fuk in-nisel tal Malti* li ghamel il Patri Geżŭita Magri u li biħ fetaħ ghajnejn il Ghorrïef ta Malta u ta barra minn Malta?.... Humiex *ħrejjef* il *Grammatica Maltija* tal Canonicu Panzavecchia u l'*Inni 'Mkaddsa* ta Dun Duvic Mifsud-Tommasi, li, ŭara tant snin, ghadhom jissemmeŭ fuk li chitbu bil *Malti* ŭisk actar milli jistghu jissemmeŭ *Plinju* u *Daleth* fuk it-taljan taħħom?...Humiex *ħrejjef* l'*Ines Farruġ* ta Carŭana u is-*Saħħar Falzun* ta Levanzin, fejn, b'nisġa sabiħa, collha chemm hi *originali*, ŭieħed jista jitghallem li *Storja ta Malta* bla ma jinduna?

Biż-żejjed, biż-żejjed! F'gieħ Alla l'imbierec, ma natux b'li mghażka fuk riġlejna!

Aħna inħobbu it-Taljan b'kalbna collha: inħobbuħ ŭisk actar minn *Plinjo*, u minn *Daleth*, u mid-Dottur Mizzi, ghax inħobbuħ fiħ in-nifsu, mhux *ghall Politica*! Inħobbu it-Taljan bil provi—u inħobbuħ ghax hu il *lingŭa* tal educazzjoni taghna, ghax biħ nuru li aħna ta gebbieda latina, ghax fiħ kieghda ix-xhieda li mhux biss l'Ingliżi u il Franciżi, mhux biss il Cavalieri ta San Ġŭann u it-Toroc, mhux biss Ruggieru Normannu, imma saħansitra Missierna San Paŭl sàbna— chif ighidu il Ghorrief— fost il Popli ta kuddiem!

Iva: inħobbu it-Taljan u nakbżu ghaliħ, ghax hu taghna u l'Ingliżi ma ghandhomx il jedd iċaħħduna minnu. Imma katt ma toħroġ mil pinna taghna, biex natu gost lid-Dottur Mizzi u lill sħabu, id-daghŭa li il *Malti* m'hux lingŭa; u ŭisk actar il ħmerija li il *Malti* m'hux ħlief *dijalett tal ċċina*! Nghożżu l'*educazzjoni* taghna: imma mhux bil patt li inżebilħu l'*ommna*!

M'aħniex tal fehma—u katt ma conna— li l'Ingliżi ghandhom idaħħlu il Malti fil Krati: L'eŭŭel nett, ghax aħna tajnihom daŭn il Gżejjer f'idejhom bil patt li ma ibiddlulniex id-draŭŭiet taghna—u id-draŭŭa, mita geŭ huma haŭn, chienet li fil Krati nitchellmu bit-Taljan—u ħadd ma talab li din id-draŭŭa titneħħa! Imbaghd, ghax, bħalma nitchellmu bit-Taljan fil Cunsill, fejn isiru il Ligijet—bħalma il priedchi tar-Randan u il panigirici tal festi il cbar isiru haŭn il Belt bit-Taljan—bħalma bit-Taljan nitchellmu fil lakghat tal impurtanza—hecc ucoll ghandna naghmlu fil Krati, li huma ħaġa cbira daks daŭn collha li semmejna! U, fl'aħħar nett, ghax din tal Gvern m'hix ħlief *Politica*: jigifieri ma iridx idaħħal il *Malti* fil Krati ghax jidhirlu li seŭŭa hecc, imma irid idaħħlu biex inakkas chemm jista it-Taljan, sa-chemm jekerdu ghal-collox u f'locu ideffes bil kajla-kajla l'Ingliz. Il Gvern jaf li fil Krati ma nistghux nimxu bil Malti: imma kabel ma icun ŭarrab it-Taljan ghal-collox, ma ighidux. Imbaghd, jinduna: u, b'dakka ta siek, iŭarrab il Malti ucoll, biex jibka l'Ingliż ŭaħdu. Dan, bejn ŭieħed u ieħor, ghednieħ fil *Lakgha tal Manoel*: u nibkghu nghiduħ dejjem. Chiecu il Gvern ma chienx jaf dan, il Cumissjunari ma chienux joħorġu bil *ħrafa*—dic *ħrafa* tas-seŭ!—li fil Krati t'isfel u fil Giurì ghandna *nictbu* bit-Taljan u *nitchellmu* bil Malti!

Cull Malti li jaf jakra bit-Taljan, jaf *jakra* bil Malti ucoll: u jecc ma jafx, jista isir jaf f'nofs siegha: dan collu minnu. Iżda m'haŭnx ghoxrin ŭieħed li jafu *jictbu* bil Malti tajjeb: u minn daŭn il ghoxrin u la hemm fost li Mħallfin u il Magistrati, u inkas fost l'Avucati, u il Periti, u li Scrivani tal Krati! Allura ma'ncunux *ridiculi*, mita, fi ħŭejjeġ hecc tar-rekka, fit-tmexxija tal Ħakk, li minnu il bniedem ghandu jieħu li imissu, il *cundanna* jeŭ il *libertà*, iġaghluna *nitchellmu* b'linġŭa li ma nafux *nictubha* tajjeb?

Araŭ chif tchellem din il gimgha stess ŭieħed mil Magistrati ma mara raħlija li resskulu kuddiemu: ctibnieħ chelma b'chelma hu u ħiereġ minn fommu, biex ingibuħ bi xhieda: «Vincenza Magro, inti accużata li iccaġunajt bi strument li ighattan fuk il persuna ta Carmela Pace offiża lievi u oħra gravi, ghax probabilment tħalli sfregju permanent. Issa il Polizija sejjra tipprociedi contra tieghec, biex tcun ammministrata giustizzja scond il Ligi.»

Dan bil Malti?...

U Magistrat ieħor, nhar il gimgha li ghaddiet, biex ighid lil ħati: *Haŭn jinsab mictub cull-ma rajna fuk il post*— kallu: *Dan il process verbal tal osservazzjonijet taghna fuk li spazju!*

Le: ma nistghux nitchellmu bil Malti fil Krati: l'ebda Magistrat, l'ebda Avucat u l'ebda Perit ma ghandu il ħila ifisser bil Malti dac ii jicteb bit-Taljan!

*Takra*, ħaġa; imma *ticteb* u *titchellem* fuk il Ligi, ħaġ' oħra! Kalu il President Carbone, l'oghla Ras tal Krati,lill *Cumissjunari*: u hecc hu.

Iżda, nerġghu ghal fejn conna: dan ma ifisserx li il Malti m'hux *lingŭa*! Dan ma ifisserx li ghandna inżebilħu il Malti! Dan ma ifisserx li il Malti *idaħħac in-nies u idardar, ghax biħ ma ghandniex ħlief xi ftit ħrejjef*!—Dan ifisser biss li min ighid hecc ma jafx seŭŭa bil Malti!

Il Malti, *lingŭa*: *lingŭa* mis-sbieħ: imm'aħna gharrakniha, l'actar geŭŭa li bliet: u illum ma jistax icun iżjed li nitchellmu biha geŭŭa il Krati. Il lingŭa tal Krati ghandha tcun it-Taljana, fil *ctib* u fit-*taħdit*, ghax hi il lingŭa tal Ligi!

Aħna xtakna li ma 'nkanklu katt din il gebla: *Plinjo*, *Daleth* u id-Direttur tal *Malta* jafu ghaliex! U chiecu huma ħakru bi cliemhom lîlna biss, chiecu ma żebilħux ħlief il il persuna taghna, aħna conna nisctu, conna nissacrificaŭ-irŭieħna ghall'imħabba ta Pajjiżna: imma huma casbru il *Malti* u il *Ħabib*.

Mnejn sa fejn ighidu li il *Malti* m'hux ħlief *dijalett chif giè-giè* u biħ ma ghandniex mictuba *ghajr ftit ħrejjef*?...Mnejn sa fejn ighidu li il *Ħabib*,chif in hu mictub,*idaħħac in-nies u idardar*, mita daŭc li jictbu fiħ jisimhom il Monsinjur Dun Manŭel Vassall, Professur tal Università—il Monsinjuri Dun

Paŭl Galea, Dun Paŭl Gaŭci u Dun Ŭiġ Camilleri—is-Sacerdoti Dun Ġŭann Gaŭci D.D., M.A. u Dun Carm Zammit, D.D.— il Cappillan Dun Mabb Sisner u il Professur Dun Carm Psaila,—il Professur Napuljun Tagliaferro—is-Sur Ġann Vassallo—in-Nutar Micallef De Caro—il Curunell Manchè,M.D.—is-Sur Levanzin—il Procuratur Legali Giuseppi Żammit—u, mita chellu bżonn, li stess Dottur G. Mizzi ? !

Dan ma stajniex nokoghdu ghalih: u, fuk kalbna, chellna nictbu dan collu—mhux ghalina, nerġghu nghidu, ghax aħna imdorrijin natu u nakalghu fil gażetti bit-Taljan u bil Malti—imma, l'eŭŭel nett, ghall Lsien Malti, li giè maħkur ŭisk minnhom; u, imbaghd, ghall *Habib*, li ŭeħel ghal-xejn ma rashom!

## Li Stîm.

Mita in-nies tal baħar bdeŭ jaghmlu viaġġi tŭal u jaksmu il baħar il cbir sâbu li chellhom bżonn icabbru id-dghajjes taħħom, mhux biss biex icunu actar sguri fuk il meŭġ, imma ucoll biex jistghu jaslu iżjed malajr f'daŭc il pajjiżi fejn chienu fetħu il cummerċ. Imbaghd, mita cabbru id-dghajjes, bdeŭ jaħsbu biex jaghmlu il bastimenti: u, fl'aħħar, saru il vapuri.—Aħna ilcoll nafu li il vapuri jimxu b'li stîm, jigifieri bil fŭar: imma, forsi, mhux cull-ħadd jaf mita sàret din l'invenzjoni u minn ghand min.

Mela, ghandcom tcunu tafu li din l'invenzjoni ma saretx f'darba ŭaħda u inkas minn bniedem ŭieħed, imma chienet ilha gejja bil ftit il ftit minn żmien antic, ghad li l'actar li bdeŭ jieħdu ħeġġa ghaliha chien f'dan l'aħħar seclu.

Jinghad li ŭieħed Milord Ingliż, li chien il ħabs fuk affarijet tal pulitica, ġurnata ŭaħda, chif chien kieghed isajjar ftit cafè, induna li bil kaŭŭa li chienet taghli li stanjata, il fŭar chien kieghed ikankal u ikabbeż il ghatu taħħa; u hecc gieħ id-dehen chemm ghandu saħħa li stîm u chemm jista isir gid biħ. Ghal-hecc, malli ħareġ mil ħabs, tà ruħu ghal dan li studju u chiteb ŭisk fuku.

Meccanici oħra li geŭ ŭarajh żiedu, nakksu u ippruvaŭ fak dac li chien kal hu: u oħrajn, fl'aħħar, irnexxielhom jaghmlu mâgna li ittalla l'ilma mix-xmajjar u tipprovdi il belt collha: u ħŭejjeġ oħra tal-ghageb bħal daŭn.

Imbaghd, fis-seclu tmintax, ŭieħed Franciż gieħ f'moħħu li jara imexxix bastiment b'din il mâgna: ghamel bi flusu bastiment bir-roti: u mar ibaħħar biħ fi xmara: imma in-nies ta dic il belt fejn chienet ix-xmara, mita raŭ bastiment miexi minghajr imkâdef u minghajr kala, jeŭ ghax chienu injuranti inchella ghax gheru, telghu fuku u ħarbtuħ: u hecc dac l'imsejchen bniedem chellu jieħu il ghalja li jara xoghlu u ħŭejjġu imorru fix-xejn. Imma dac li chien ghamel ma 'ntilefx, ghax isserva biħ ħaddieħor: u fuku bida isir iżjed taghlim u intaghmlu actar provi.

Dac li gieb il-kuddiem din l' invenzjoni chien, imbaghd, ŭjeħed Scocciż, jismu James Watt, li naraŭ pingjut bi stanjata ħdejħ u mgharfa f'idu, kieghed jilka il fŭar. Dan chien bin mastrudaxxa u missieru ftit scola sata ighallmu, ghax ma chellux biex iħallaslu. Ommu chienet bdiet tghallmu jakra u missieru ghallmu ftit numri (aritmetica): imma il ġuvni chien studjus ŭisk u moħħu chien jatiħ bosta ghall meccanica. Cull-ma chien jakra fi ctieb, chien jistudjaħ u jixtarru: u katt ma chien jakta kalbu minn xejn, la mit-taħbit, la mit-tfixchil, la mil ghaŭġ, la min-nukkas tal flus li chellu bżonn ghax-xoghlijet u ghall provi: imma dejjem bil pacenzja u bit-tâma baka sejjer il kuddien, sa-chemm, fl'aħħar, sâb min ŭakaf mieghu u ħariġlu il flus. U hecc chien li sata jipperfezzjona il mâgna ghall vapur.

Dan Watt ghamel ucoll mâgna biex inixxfu il ħŭejjeġ, oħra biex jistampaŭ l'ittri mictubin bl'idejn u mâgni oħra.

Minn tifel ta mastrudaxxa li chien, sar ŭieħed mill'acbar irgiel tal Inghilterra u l'akŭa nies u ghorrief chienu jaghmluha mieghu u jistmaŭħ b'kima cbira, imma hu baka dejjem ûmli u tûajjeb. Aħna nirringrazzjaŭ l'Alla tad-dehen li taħ, la darba serva mhux biss lilu, imma lill proxxmu tieghu collu. A. S.

## Ma dûar il Gżira.

—Harġet xniegha li sittax ir-ruħ *emigrati* ghall *New York* (fl'America) geŭ imreġġghin l'ura mil Gvern ta hemm, ghax fuk il vapur li marru biħ chienu ghamlu *delitt* (serk): imma dan m'hux minnu. Il *Cumitat tal Emigrazzjoni* li haŭn imŭakkaf Malta u li kieghed jaħdem bla serħ ghall gid tal Poplu, malli sama b'dan, chieteb lill *Ministru tal Emigrazzjoni* ta *New York*: u dan ŭieġbu minnufiħ li is-sittax il Malti ma geŭx imreġġghin l'ura ghax ghamlu xi *delitt*, imma ghax, mita ŭaslu, sab li huma chienu *impiegati* minn kabel ma meddeŭ riġlejhom hemm, mentri dan hu contra il Ligi Americana, li trid in-nies imorru ifittxu l'*impieg*, imma, biex ma jiġux imkarrkin minn xi sjed ta kalbhom xierfa, ma tridx li icunu *impiegati* minn kabel ma jaslu fuk il post. Sabiħa u m'hix dic il Ligi, ghax tbiġġel minn banda u taħkar minn oħra: imma, hi chif in hi, daŭc is-sittax il Malti ma treġġghux l'ura ghax chienu serku minn fuk il vapur, bħalma ġriet ix-xniegha: u min kalaħha jista jaħseb biex imur ikerrha!

— Hadna ferħa cbira mita 'rġajna rajna haŭn Malta il Professur Patri Piju Ciuti, li giè biex jaghmel il panigîrcu ta San Dumincu. U m'hemmx bżonn nghidu li morna nisimghuħ bil ħrara collha taghna, bħalma morna nisimghuħ dejjem u cull-imchien. Nghidu biss li raġa saħħarna darb'oħra b'dic il ħabta li ghandu ghall pulptu, u b'dic il ħeġġa 'mkaddsa, u b'dac *ilsien tuscan* li ikajjem il mejjtin minn kabarhom. Cbir mill'eŭŭel sal aħħar chelma, chien icbar minnu in-nifsu mita dar fuk San Dumincu u talbu *ibierec hu ucoll il Gżira ta San Paŭl, din l'art tal Appostlu*.—Ilbieraħ, imbaghd, l'imfaħħar Patri Ciuti, ghamel *Cunferenza* fuk *Santa Caterina* fis-Sala taċ-Cinematografu tal *Unjoni Cattolica*, fejn chien imħabbar li il flus tal biljetti ghandhom imorru ghall ghajnuna ta li Stitut tattfal fkar li hu ghandu l'Italja: u tistghu taħsbu chemm nies geŭ jisimghuħ ghandna u x'nies chienu, ghax Patri Ciuti, barra mil fama ta *Oratur* cbir li ħa haŭn Malta (u bir-ragjun collu, ghax hecc ucoll hu miżmum fil bliet taljani), illum sirna inħobbuħ bħal ŭieħed minn'na: u mhux ghal xejn, cull-mita isemmi il Malta fuk il pulptu, hu stess ighid: *il Gżira taghna— il Gżira ta Missierna San Paŭl!*—Alla iżommu dejjem kaŭŭi-sħiħ ghall gid tal *Cnisja Cattoliea*, li bħalma kal Hu, fl'aħħar chelmiet tal Panigîrcu ta San Dumincu, *m'hix ħlief Merħla ŭaħda, b'Raghaj ŭieħed!*

—Nifirħu lill Monsinjur Canonicu Dun Orazzju Grima, li minn Arcipriet laħak Cantur tal Catidral. Dac is-Sacerdot, li ħadem snin cbar bħala Cappillan ta ħal Luka u chien ghadu s'issa bil cura tal erŭieħ tal Imdina, chien ħakku dan il mistrieħ: u nisperaŭ li issa nibdeŭ naraŭħ bħala Cantur fil festi ta *San Ġŭann* collha.

—Fir-Rħula, bdeŭ isiru il *Gemghat ta cull gimgha*, jigifieri il ġbir bieb-bieb b'li mnut,ghall *Cungress Eŭcaristicu.* Ghandna aħbar li il gemgha tal Imsida, nhar il ħadd li ghadda, marret tajjeb ŭisk.U hecc nittamaŭ li tmur ta cull-imchien. Ma nghidux actar ghax illum ghandna żeŭġ articuli oħra fuk dan.

—Nifirħu lill Monsinjur Dun Fons Agius, D.D.,B.A., li daŭn il ġranet giè milkuħ bil voti collha bħala Membru tal *Camra Pontificja Maltija* u nifirħu lil din il Camra ghaż-żîna li cattret biħ lilha in-nifsha.

—Dmir taghna nghidu, ghax is-seŭŭa dejjem seŭŭa, li l'*Ora* ta Paliermu, fuk dac li chien chitbilha contra taghna is-Sur *M. Pedrazzi*, uriet ruħha mghollija ħafna u tâtna ragjun f'collox. Mhux biss giebet l'ittra sabiħa mibghuta lilha mil *Corrispondent* li hi ghandha haŭn u li hu ŭieħed mil li Skallin l'actar rispettabbli ta Malta,imma ghamlet kuddiem dic l'ittra *Dichjarazzjoni* taħħa stess, fejn uriet kima cbira ghall Poplu Malti u faħħret ferm in-nisa taghna. Hecc, mela, dac is Sur Pedrazzi—li ġralu bħaż-*żugraga ta bil lejl*, ghamel ftit ħoss biħ in-nifsu u stabat mal art—giè *miċħud* u *imghiddeb* minn cull-imchien.

—Nhar il ħadd li gejj, fil Cnisja tal Geżŭiti, fis-*sebgha* ta fil ghodu, icun hemm Kuddiesa bi *Tkarbina Generali* tal Imsieħbin collha tal *Unjoni Cattolica* ghar-ruħ ghażiża ta Patri Michiel Vella, fundatur haŭn Malta tal *Appostulat tat-Talb.* Nirriccmandaŭ li ħadd ma jonkos.

—Nhar il ħadd li gejj, fit-8 ta fil ghaxija, icun hemm *Recita* sabiħa bil Malti fit-Teatrin tal *Unjoni Cattolica* (fil Palazz Caraffa, strada Forni, 94), fejn sejjrin isiru SATANA, *buzzett f'att ŭieħed*, li bit-Taljan chien ħa *l'eŭŭel premju f'Concors Filodrammaticu bejn l'Assocjazzjonijet ta Genova u ta bliet oħra tal Italja*; u iż-ŻEŬĠ CURAGGJUSI, farsa b'att ŭieħed. Jitcanta ucoll l'eŭŭel darba l'*Innu tal ħaddiema* bil Malti: u bejn l'atti, l'Aħŭa Calderoni icantaŭ xi Canzunetti, fuk orchestra żghira.—L'Imsieħbin iħallsu *erba' soldi* u daŭc li m'humiex *sitta*. Il biljetti jittieħdu miċ-Circlu: u sa nhar il gimgha (ghada), l'Imsieħbin ghandhom il jedd jaghżlu.

## Ma dûar id-dinja.

Fit-tlietin tax-xahar ta lulju ŭara marda tŭila miet f'Tokio l'Imperatur tal Giappun. Dam agunija bosta jem: fl'aħħar lejl eluf ta poplu inġabar kuddiem il Palazz, cull-ħadd ghar-rcopptejħ jitlob u jibchi,fil ŭakt li Sacerdoti tar-religjon taħħom telghu fuk altari imŭakkfa ghall' occasioni u pubblicament talbu l'Alla ghas-saħħa tal Imperatur, u chien hemm bniedem li f'nofs il piazza ghal daksecc neħħa ucoll ħajjtu. L'Imperatrici xejn ma tbieghdet minn fejn is-sodda u chemm chemm chienet torkot tliet sieghat ma tul il jum. Billi il gisem tal Imperatur hua miżmum bħala ħaġa sagra, biss haŭn-il-lejl tal meŭt hia ħalliethom jaghmlulu l'iniezzjonijet. Ibnu sar Imperatur minn f'locu u ħa is-solitu ġurament.

—Fit-tmienja u ghoxrin ta l'istess xahar, il pittur Giosuè Fischer, flimchien ma ieħor, krib Monaco ŭaka minn biplan u sabuhom bcejjeċ kalb il csur tal areoplan. Fl'istess jum f'Johannisthal ittajjar Rosenstein flimchien ma żeŭġ sħabu: imħabba ta cbir ċpar, niżel malajr ġo il hangar; imma fiddaħla ħabtu ma carru, illi ŭieħed minn ħbiebu baka ferut ghall meŭt, u l'istess Rosenstein kasam rasu. Ucoll f'Byfield, l'Inghilterra, Lindsay Campbell fil ŭakt li chien jittajjar ŭaka minn gholi cbir u baka mejjet.

—Fil ŭakt li tama cbira ureŭ il potenzi li fis tinghakad il paci bejn l'Italja u it-Turchija, ŭara it-tibdila tal Ministeru Torc, dana min-naħa ta Tunes kieghed idaħħal

provvisionijet cbar u ikaŭŭi ruħu. Innebbħu li dina l'aħbar gejja minn Ruma.

—Cullħadd ghandu id-debbuli tieghu! Domatrici ta annimali l'actar feroci, il gimgha li ghaddiet, kuddiem ġabra ta nies, fil ŭakt li chienet maghluka f'gaġġa ta ljuni u maħħom chienet tissara, uriet fost it-tchex-chix tan-nies l'actar cbira kaŭŭa u curaġġ; imma malli rat fejn riġlejha daksxejn ta ŭirdiena, ŭakghet ghaxja fl'art u chellhom joħorġuha barra mil gaġġa.

—Tant Franza, chemm l'Inghilterra is-scioperu tal ħaddiema ghanu icompli. F'Londra in-nies tasc-scioperu, ghamlu bl'icraħ ghal daŭc li bedghu jaħdmu—ghal dakstant b'biża cbir ħarbu fuk il bastimenti u ħalleŭ urajhom il ħŭejjeġ u l'ichel, fil ŭakt li oħrajn iddifendeŭ ruħhom bi bsaten u bċejjeċ tal fliexchen, iżda l'oħrajn ghalbuhom.—L'istess sceni ġraŭ bnadiet oħra.

—Fir-Russja dina is-sena hemm iċ-centinarju tal cbira battalja li ġrat fl'1812. Sabu li ghad hemm ħajjin ħamsa u ghoxrin suldat li iccumbatteŭ fiha. L'icbar fosthom ghandu 127 sena u l'iżghar 117 il sena.

—Il Cummissjoni fuk il gharka ta *Titanic* spiċċat ix-xoghol u il President taħħa kal li il ħabta mal muntanja tas-silġ ġrat ghall giri cbir li biħ chien sejjer il vapur sabiex jieħu ir-*ricord*, u ghaldakstant scużaŭ il captan. Iżda sabiex ghalli gejj jonksu daŭn id-disgrazzi, fost ħŭejjeġ oħra ŭisseu li jixrak li id-dghajjes icunu provduti bi dŭal, suffarelli u ħŭejjeġ oħra li bihom b'ħeffa icunu jistghu inizżluhom fil baħar; li fuk vapuri li jaksmu t'Atlanticu bil passeggieri it-telegrafu bla fili ghandu xejn ma jakta, u li il ghassiesa ma ghandhomx jitŭarrbu la bil-lejl u la bi-nhar—u li il vapuri ghandhom inakksu il giri meta jinsabu f'post il muntanji tas-silġ.

—Il gimgha li ghaddiet miet il Cardinal Fischer, Arciskof ta Colonia.

—F'Messina, nhar l'erbgha tal gimgha li ħarget, fit-tlieta u nofs ta ŭara nofs inhar, inħasset scossa ta terremot biż-żejjed kaŭŭija, li damet ghoxrin seconda ta minuta.

L. M. C. G.

## Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti

*(jissocta man-numru 25)*

Accenti fit-taljan hemm tnejn; fil malti hemm tlieta: accent sħiħ imcarcar (*á*, *î*, *û*,), accent sħiħ maħtuf (*â*, *è*, *ì*, *ò*, *ù*) li huma fit-taljan ucoll, u nofs accent maħtuf (*á*, *é*, *í*, *ó*, *ú*) li hu fil-malti biss.

Accent sħiħ imcarcar u nofs accent maħtuf għandhom ŭarajhom consonanti ŭaħda: ara *ħâfi*, *kâres*, *ħarûf*, *dîka*, *gîfa*, *sûfa*, *fartâs*: *ħéfa*, *káras*, *férak*. Accent sħiħ maħtuf għandu ŭarajh żeŭġ consonanti: ara *ħàffef*, *kàrras*, *kàlb*.

Cull chelma ta' tliet consonanti mbejnin b'żeŭġ vocali tista' tcun ta' accent sħiħ imcarcar, bħal *kârar*, *bierec*, *kâres* u tista' tcun ta' nofs accent maħtuf, bħal *bírec*, *xórob*, *súŭed*, *bójod*, *ħódor*, *séker*, *fénec*: imma daŭc li jibdeŭ bil-consonanti *għ*, jecc jidhru fihom it-tliet consonanti, bħalma huma l-verbi *għámel*, *għáder*, *għáżel*, *għáżak*, *għáfas*, *għálak*, *għákad*, dejjem icunu ta' nofs accent. Dan jidher mil-particip tagħhom li hu ta' sura ŭaħda bħal dic tal particip ta' *kábad*, *ħátaf*, *ħáseb*, *fétaħ*, *gíbed*, *xórob*, jigifieri bil-vocali *û* b'accent sħiħ imcarcar fl-aħħar taksima: *magħmûl*, *magħdûr*, *magħżûk*, *magħfûs*, *magħlûk*, *magħkûd*, *magħżûl* bħal *makbûd*, *maħsûb*, *maħtûf*, *miftûħ*, *mixrûb*, u mux bħal dic tal-particip ta' *kârar*, *bierec*, li hu *mkârar*, *mbierec*.

Vocali ta' cull accent u ta' bla accent jistgħu jecc mux banda, oħra, jinkalgħu minn lochom u iż-żeŭġ consonanti ta' ma' ġnubhom jagħàlku ma' xulxin.

Il-vocali ta' nofs accent tinkala' minn locha:—

(1) malli tħoss vocali ma' ras il-chelma. Ara *Fétaħ*, *káleb* li b'vocali ma rashom ma jagħmlux *ífetaħ*, *ákaleb* imma *iftaħ*, *akleb*. *Fétaħ*, *káleb* huma passat: *iftaħ*, *akleb*, huma imperattiv. Mela bħala passat nictbu *għámel*, *għáżak*, *għáder*, *għáfas*, *għálak*, *għódos*, *għérek*, u bħala imperattiv nictbu *àgħmel*, *àgħżak*, *àgħder*, *àgħzel*, *àgħfas*, *àgħlak*, *ògħdos*, *ègħrek*.

(2) malli ma' tarf il-chelma tħoss consonanti li tbiddel il-persuna tal-verb. Ara *fétaħ*, *ħáseb*, li b'consonanti chif għedna ma' tarfhom ma jagħmlux *fetaħt*, *fetaħtu*, *ħasibt*, *ħasibtu*; imma *ftaħt*, *ftaħtu*, *ħsibt*, *ħsibtu*.

Consonanti oħra ma' tarf il-chelma tista tcun tal-pronom meħmuż; u din ma ttesifha xejn lill vocali ta' nofs accent. Ara fil-chelmiet *fetaħni*, *fetaħcom*, *fetaħhom*, *fetaħha*, *ħasibcom*, *ħasibha*, *ħasibhom*, *ħasibni*.

Din tal-consonanti ta' ma' tarf il-chelma, li tista tcun issa ta' ħaġa u issa ta' oħra, iggib (1) li biż-żieda ta' *-na* mux dejjem nictbu l-istess: issa nictbu *ftaħna*, *ħsibna*, u issa *fetaħna*, *ħasibna*: ta' l-eŭŭel imorru mal-pronom *aħna*, u ta' l-aħħar mal-pronom *hu*; (2) li l-aħħar consonanti tal-chelma ma' consonanti l-ŭaħda tinbidel u issir *j*, u mal-consonanti l-oħra tibka' li tcun. Ara chif minn *katagħ*, *kalagħ*, *lakagħ*, (li ŭhidom nictbuhom *kata'*, *kala'* *laka'*,) issa għandna *ktajna*, *klajna*, *lkajna*, bil *j* u issa *katagħna*, *kalagħna*, *lakagħna*, bil *għ*. Il verb *żebagħ*, li jinkara *żebaħ*, jagħmel *żbagħna* u *żebagħna* it-tnejn bil *għ*.

Minn dan inbagħad nitgħallmu li għandna nictbu *mgħadt*, *mgħadtu*, *kgħadt*, *kgħadtu*, *bgħatt*, *bgħattu*, *bgħadt*, *bgħadtu*, bħala suriet ħergin minn l-*ommiet* tagħhom *mágħad*, *kágħad*, *bágħat*, *bágħad*; u nagħàrfu nagħżlu bejn *mgħadna*, *bgħatna*, *bgħadna*, li jridu l-pronom *aħna*, u bejn *magħàdna*, *bagħàtna*, *bagħàdna*, li jridu l-pronom *hu*.

*(Jissocta)* G. VASSALLO.

**Dan hu l'articlu li xtered bl'eluf mal bliet u mar-rħula collha u li aħua ma'rridux inċaħħdu minnu il karrejja taghna.**

## L'erbgha u ghoxrin Cungress Eucaristicu

### GHAL FEJN IL GEMGHA FIL GIMGHA

Min ma jafx? Ghal Cungress Eŭcaristicu! Cull Malti li jaf x'inhua dana il Cungress, ma jistax ma jatix bi pjacir, u accost ta cull sacrificcju, dic ix-xiħaġa żghira fil gimgha, meta l'incaricati minn din il gemgha jitolbuhieilu. U chif le? Il Cungress hua lakgha ta cbarat, tant kalb in-nies tal Cnisja, chemm ucoll kalb is-seculari, li jingemghu flimchien minn ħafna bnadi tad-dinja, taħt ŭieħed mil Cardinali li il Papa jibghat f'locu, biex flimchien ifittxu b'liema maniera tista tigi mghotija kima, glorja, foħrija icbar, lill Gesù Sagramentat, fil ŭakt li b'dan il mod tcun kieghda issir riparazzjoni ghal tant offisi u nukkasijet li Sidna Gesù Cristu jircievi continŭament minn ghand min jemmen u minn ghand min ma jemminx f'dan is-Sagrament imkaddes li jinsab fil Cnisja Cattolica bi cbira xorti taħħa, ghall'imħabba cbira u ta bla kies li Gesù Cristu chellu u ghandu ghalina. Mela, il glorja, l'unur, il foħrija, il kima, it-trijonf ir-riparazzjoni tal offisi lill Gesù Sagramentat hu il Cungress Eŭcaristicu.

Biex il Cungress jista isir haŭn Malta is-sena li gejja, hemm bżonn ta spejjes cbar, u ghal hecc hemm bżonn li cullħadd jaghmel dmiru collu u jati seond ma jista biex il Cungress jirnexxi. Min, immela, jista jati, (u min ma jistax jati iżjed, imkar sold fil gimgha) u ma jatix bil piacir, hu Cattolicu u Malti tal isem. Il Cungress, difatti, hua ħaġa cbira, u ta unur cbir ghal fein isir, u ghal hecc dejjem jintaghżlu bliet mill'icbar u mill'actar imsemmija biex isir fihom. Malta cbira ma hix, imsemmija hi ħafna ghal collox, imma specjalment imħabba il fidi taħħa. Infatti, hu l'isem cbir li ghandha Malta ghall fidi taħħa li ġaghal il Papa jiccuntenta bir-rieda collha li il Cungress fis-sena 1913 isir haŭn geŭŭa Malta.

Jista, immela, jinsab xi Malti li ma ghandux premura li Malta tibka tidher hecc cbira u tibka hecc imsemmija bl'icbar cobor u bl'icbar isem li hu dac tal Fidi? Jecc, immela, irridu nuru li aħna Maltin, infittxu li nghinu rŭieħna mill'aħjar li nistghu, li natu is-sold taghna fil gimgha, li natuħ bil kalb, minghajr tgemghim. Ingibu kuddiem ghajnejna li dac is-sold fil gimgha incunu kieghdin intuħ ghall glorja ta Gesù, li minnu ighid l'Evangelju "li ghamel ma cullħadd cull xorta ta gid." "*Pertransit benefaciendo et sanando omnes*"; u ghall hecc ghandna nittamaŭ li b'xi mod jeŭ ieħor, fir-ruħ jeŭ fil gisem, ghandu iroddulna bid-doppju u bit-triplu. Min ma ghandux bżonn ta Gesù? Cullħadd ghandu bżonnu f'din id-dinja u fl'oħra. Naħdmu, immela, ghall Glorja ta Gesù Sagramentat u ghar-riparazzjoni (biex inpattu) l'offisi li Hu jircievi. Bħala Cattolici u bħala Maltin, jixrak ŭisk li natu bil kalb is-sold taghna ghall'opra hecc cbira, u hecc inħajjru lil ħadd-ieħor li jaghmel bħalna, biex fil ħsieb u fil lsien ta cullħadd ma icunx hemm u ma tinstamax ħaġ'oħra ħlief il glorja, it-trijonf, il foħrija, il kima u ir-riparazzjoni ta Gesù Sagramentat.

IL CUMITAT.

MIL LUCERNA TAL ĦAJJA. — 18. Iftħu ghajnejcom ma min taghmlu ħbiberija: bla tarf hu il ghadd tal boloħ.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### Ghidli x'in hu!

1. Min-nies jen iccalculata.
2. Bżonni ghandu il bastiment.
3. Fost il fjuri tant jen stmata.
4. Fejn incun nati turment.
5. Jen fil festi 'nżid iż-zîna.

*Collox*, frotta tajjba u bnina.

V. CORDINA.

L'aħħar żeŭġ TAĦBIT IL MOĦĦ chienu:

I.

"Erba' ġbejniet fi platt cbir fuk kafas."

II.

"Id-dinja makluba, ta fuk giè taħt, min tiela, min nieżel u collox imħaŭŭad."

Giebuhom tajjeb: mil Belt, is-Sinjuri Piju Marija Gaŭci, Paŭlu Camilleri Bezzina u Gius. Sciberras—mil Birgu, is-Sur Antonju Pace—minn Bormla, is-Sur Carmelu Laŭtier—mill' Isla, is-Sinjuri F. Curmi, Antonju Grima u Vincenzu Carŭana—mill'Imsida, is-Sur Ġużè Attard—u minn Ghaŭdex, C. A. (*ir-Rabat*) u is-Sur Dŭardu Grima (*San Laŭrenz*).

Jaħtieġ inŭiddbu li it-tifsir tal *Loghob* ma ghandux jinbghat mal Posta f'ittra *miftuħa*: u li l'ittri, ghalavolja *miftuħa*, la icunu mictubin bl'idejn, ma jimxux bi *francuboll tat-tliet ħabbiet*. Min jaħseb li icun kieghed ifaddal *tliet ħabbiet* hecc, icun kieghed iŭaħħal *sitta* lîlna!